MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 52/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Stivala**
**Michael Stivala**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Stivala u Michael Stivala talli:

(1) Fit-12 ta’ Awissu 2003 u fil-jiem ta’ qabel gewwa Birkirkara, impjegaw jew taw xoghol lil persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol;

(2) Bhala persuni responsabbli li kien qed isir gewwa fond f'Birkirkara, impjegaw persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

(3) Fl-istess cirkostanzi bhala l-principal, jew il-persuni li impjegaw persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Martin Stivala u Michael Stivala hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikolu 32 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli [*recte:* regolamenti] 3, 4, 5, 7, 9. 10 ta' l-Avviz Legali 110 ta' l-1993, ikkundannat lil kull wiehed mill-imsemmijin Martin Stivala u Michael Stivala ghal multa ta' elf u hames mitt liri Maltin;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Martin Stivala u Michael Stivala pprezentat fit-12 ta' Frar 2007 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fil-konfront taghhom u tilliberahom minn kull htija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) L-appellant Michael Stivala kien ta kuntratt ta' appalt lil Gianluca Visicale (originarjament ko-akkuzat izda li ma nstabx hati) u mhux lill-persuni ta' nazzjonalita` Gharbija. L-appellant Martin Stivala ma kellux x'jaqsam mal-ftehim u hu kien imur jahdem personalment; (2) Ir-reat kontemplat fl-artikolu 32(1)(b) tal-Kap. 217 huwa delitt u jehtieg il-*mens rea*. Il-prosekuzzjoni ghalhekk kellha tipprova li Michael Stivala kien jaf li Visicale ma kellux permess u ma kienx persuna ezenti. Jekk agixxa b'mod zbaljat, ma

jfissirx li kellu d-*dolus*. *Multo magis* dan japplika ghal Martin Stivala; (3) Dwar il-ksur tar-regolamenti ta' l-Avviz Legali 110 ta' l-1993, l-appellanti ma impjegawx persuni maghhom. Hemm differenza bejn li timpjega u li taghti x-xoghol; (4) Id-dettalji fl-indirizz u l-karta ta' l-identita` ta' l-appellanti huma maqlubin u nkorporati fis-sentenza.

L-aggravju principali ta' l-appellanti jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet ezami akkurat tal-provi sabiex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellanti. Huwa utili li ssir referenza hawn ghall-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Effettivament jirrizulta li fit-12 ta' Awissu 2003 saret spezzjoni minn impjegati tal-ETC fi flats li kienu qeghdin jinbnew wara Ta' Paris, B'Kara u hemm sabu lil Gianluca Visicale (originarjament ko-imputat) u xi persuni ta' nazzjonalita` Libjana li kienu qed jaghmlu xoghol ta' tikhil.

**Herbert Debattista**, *senior executive* mal-ETC, xehed illi l-Libjani – Khaled Bekir, Naji Zahmoul, Ali Hussein Thary, Mohammed Ahmed Ani u Taha Sajd – indikaw li kienu jafu lil certu Martin filwaqt illi Visicale qal li cempel lil certu Martin li kellu jmur fuq il-post. Sussegwentement tkellem telefonikament ma' Martin Stivala li qallu li mat-Taljan kull ma jaghmel jaghtih il-flus biex jahdimlu u li kellu l-ircevuti u kuntratt.

**John Calleja**, ukoll impjegat mal-ETC, ikkonferma li sabu haddiema barranin fuq il-post in kwistjoni li kienu qeghdin jghabbu xi *bricks* minn kamra ghall-ohra. Huwa ha d-dettalji ta' dawk li ra u li kienu certu Khaled Bekir u certu Naji Khaled Zahmoul. Dawn il-barranin qalulhom li kienu qed jahdmu ghal certu Martin. Huwa kkonferma r-rapport li kiteb hu stess meta rritornaw l-ufficcju (Dok. JC a fol. 75).

**Tony Muscat**, li jahdem l-ETC fil-*compliance unit*, bazikament ikkorrobora dak li qalu z-zewg xhieda l-ohra u li kollha semmew lil certu Martin kif ukoll qal li Visicale qallhom li ma kellux x'jaqsam mal-Libjani.

**Lawrence Buhagiar** xehed li kien wiehed mill-ispetturi tal-ETC li ghamlu l-ispezzjoni fit-12 ta' Awissu 2003 fuq il-post in kwistjoni u huwa lemah lil Visicale jkahhal u hadu f'kamra fejn shabu ohra ta' l-ETC kienu diga` hadu xi barranin ohra.

**Michael Grech** xehed illi Bahir Khaled Aiadi, Zahmoul Naji u Abu Ali Taher m'ghandhomx permessi biex jahdmu u l-anqas applikazzjonijiet. Dwar Gianluca Visicale kien

inhareg permess ghall-perijodu 17 ta’ Settembru 1996 sal-31 ta’ Ottbru 1997 izda gie kancellat fl-10 ta’ Gunju 1997 u m’hemmx permess iehor.

**Ayadi Khaled** xehed illi huwa kien qieghed jahdem fil-post in kwistjoni jgorr il-*bricks*. Ix-xoghol kien tahulu certu Martin (l-appellant Martin Stivala) li kien ihallsu Lm10 kuljum. Kien ilu impjegat hekk xi xahar u nofs. In kontro-ezami, ghal osservazzjoni li Martin qatt ma hallsu xejn, ix-xhud wiegeb li hu kien ihallsu u li fadallu jaghtih Lm70. Ix-xhud qal li lil Martin sar jafu wara li habib tieghu Libjan qallu biex icempillu dwar xoghol u x-xhud hekk kien ghamel. Skond ix-xhud, dan Martin kien qallu biex l-ghada jmur jahdem. L-ewwel mar jahdem “fil-guest house ta’ Charlie ta’ l-Msida fejn il-monument” u wara B’Kara fejn gie arrestat. Martin kien imur fuq il-lant tax-xoghol kuljum xi darba jew darbtejn.

**Naji Khalifa Zahmoul** xehed li kien qieghed jahdem B’Kara meta marru l-pulizija u spetturi tal-ETC. Kien haddmu Martin (l-appellant Martin Stivala) u kien jarah fuq il-lant tax-xoghol. Kien joqghod fil-hotel ta’ Charlie u l-ewwel darba li sar jaf lil Martin kien quddiem din il-lukanda. Impjegat fil-lukanda kien qallu li kien hemm ix-xoghol ghand Martin. Meta kellem lil Martin, dan saqsieh x’jaghmel xoghol, ix-xhud qallu li jbajjad, u Martin qallu li l-ghada seta’ jibda. Bhala xoghol ghand Martin ghamel gimaghtejn. Il-ftehim kien li jithallas Lm10 kuljum u jhallsu kull gimgha bi flus kontanti.

**Taher Said** xehed li kien qieghed jahdem B’Kara meta gie arrestat. Kien haddmu Martin (l-appellant Martin Stivala). Qal li Martin kien isib ix-xoghol u Michael Stivala jhallas. Ix-xhud qal li hu u Gianluca Visicale kienu kellmu lil Martin dwar xoghol u hadmu B’Kara. Ma’ Visicale kien shab. Ghall-hlas kienu jmorru ghand Michael u dan jghaddi l-flus lil Visicale. Minghand Michael Stivala hu qatt ma ha flus.

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija **Michael Stivala** qal li hu direttur ta’ kumpanija, imexxi lukanda u xoghol ta’ kostruzzjoni u kien qieghed jibni flats u garaxxijiet f’B’Kara. Dwar il-barranin li nsabu jahdmu fil-post qal li

m'ghandu xejn x'jaqsam. Huwa ta xoghol ta' kisi, tibjid u brix lil wiehed Taljan u ma kienx jaf li ghandu japplikalu ghal *work permit* peress illi jahdem ghal rasu. Ix-xoghol kienu qeghdin jaghmluh Luca (it-Taljan) u n-nies tieghu. Ikkonferma l-pagamenti akkont li kien ghamel lil Luca.

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti **Michael Stivala** qal li kienu ghamlu kuntratt ma' Gianluca Visicale ghal kisi u tibjid ta' block ufficini f'B'Kara u kienu jaghtuh il-pagamenti akkont u mas-*site* ma kellhomx aktar x'jaqsmu. Hu ma kienx jaf li qed jikser ebda ligi. Kien jaf li Visicale kien jaghmel dan it-tip ta' xoghol u rah bnadi ohra f'Malta u anke rah bil-karozza. Fil-fatt meta qabbdu ma kienx bhala impjegat izda bhala *self-employed*. Dwar l-Gharbi li qal li gieli tah xi flus direttament, l-appellant qal li meta ghamel il-kuntratt ma kienx jafu izda mbaghad gieli cempillu Visicale u jghidlu biex jaghti Lm200 lil dan l-Gharbi u jtihomlu. L-appellant sostna li l-Libjani li ndikawh bhala l-persuna li kien ihallashom huma zbaljati ghax mija fil-mija qatt ma hallashom (a fol. 143). Imbaghad, mistoqsi mill-prosekuzzjoni: *"U lill-ohrajn lill-Gharab l-ohra ma kont tghaddilhom xejn?"* l-appellant wiegeb: *"Ma ghandix idea xejn"* (a fol. 144). Ametta li kien imur fuq is-*site* u, mistoqsi kienx jara lill-barranin fuq il-post, wiegeb: *"Ifhem mhux mija fil-mija imma nahseb."* Ftit wara, fuq spjegazzjoni ta' kif hu jkollu x'jaqsam ma' l-imghallem ta' l-impjegati u mhux il-haddiema, saru dawn il-mistoqsijiet u twegibiet:

*"Pros: Pero` kont taghti l-paga taghhom.*
*Xhud: Ifhem kont naghtihom pagamenti on account … tihom Lm70 jew Lm80.*
*Pros: Fl-idejn?*
*Xhud: Fl-idejn."*

Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija l-appellant **Martin Stivala** qal li hu jahdem fil-gebel bhala impjegat ma' huh Michael. Qal li mal-haddiema barranin li nstabu fuq il-post f'B'Kara m'ghandux x'jaqsam u l-anqas ma jaf min ghandu x'jaqsam. Rahom jahdmu hekk izda ma kienx jaf min qieghed ihaddimhom. Lil Luca jafu bhala l-imghallem. L-appellant qal li hu ma haddimhomx lill-barranin. Il-

pagament jiehdu Luca u l-haddiema li kien hemm fil-post kollha ta’ Luca. Il-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol ma jafx ta’ min hu, hu lavrant.

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti l-appellant **Martin Stivala** qal li jahdem ma’ Stivala Operators u kien inkarigat biex jiehu hsieb ix-xoghol li kien hemm ghaddej u jahdem b’idejh. Dwar l-Gharab qal li hu ma kellux x’jaqsam maghhom kemm ra li qed jahdmu. Ma kinux impjegati mieghu. In kontro-ezami qal li hu kien jahdem wahdu u li *“Il-bini taghna.”* Hu ma qabbad lil hadd u m’ghandux idea min qabbadhom. Fuq kumment tal-prosekuzzjoni *“Ma ghandekx idea u l-post tieghek”* l-appellant wiegeb *“Mhux tieghi biss, qeghdin erba’ ahwa.”* Fuq il-post kien imur hu biss, daqqa jnaddaf u daqqa kien ikun jonqos xi haga. Imbaghad qal li l-post tal-kumpanija.

Huwa evidenti mill-provi li kien inghata kuntratt ta’ appalt lil Gianluca Visicale mill-appellant Michael Stivala u li l-pagamenti akkont kienu normalment isiru lill-istess Visicale li kien imbaghad jaqsam ma’ Taher Said. L-appellanti jissottomettu li ma jaghmilx sens ghar-ragunijiet ta’ pratticita` li l-Gharab l-ohra ma kinux involuti ma’ Visicale u Taher. Din il-Qorti ma taqbilx.

L-ewwelnett jidher li l-progett in kwistjoni kien wiehed kbir u ghalhekk kien rikjest hafna xoghol fih. Ayadi Khaled xehed li x-xoghol tieghu kien jikkonsisti fil-garr tal-*bricks*. John Calleja fil-fatt xehed li huwa ra zewg haddiema, fosthom wiehed Khaled, li kienu qed jghabbu l-*bricks* minn kamra ghall-ohra. Naji Zahmoul xehed li xoghlu kien ibajjad. Biex ibajjad ma kellux ghalfejn necessarjament ikun impjegat ma’ Visicale meta, almenu *prima facie*, jidher li x-xoghol principali ta’ dan Visicale kien il-*gypsum*. Difatti fuq id-Dok. DM1 konsistenti f’sensiela ta’ rcevuti dwar il-pagamenti versati lil Visicale, hemm miktub bil-lapes “Lm1.00/metre gypsum”. Apparti dan kollu, dawn iz-zewg xhieda barranin kienu cari dwar ic-cirkostanzi ta’ kif sabu ruhhom jahdmu fil-post in kwistjoni u anke identifikaw pozittivament lill-appellant Martin Stivala kemm bhala l-persuna li qabbdithom jahdmu kif ukoll bhala l-persuna li kienet thallashom. Fl-ebda waqt ma ndikaw li

setghu kellhom x’jaqsmu ma’ Gianluca Visicale. Imbaghad l-istess Martin Stivala minn banda jipprova jiddistinanzja ruhu mhux biss mill-haddiema izda kwazi kwazi anke mill-progett izda mbaghad meta xehed stqarr li kien jiehu hsieb ix-xoghol li kien ghaddej, ghalkemm jghid li l-haddiema ma kellux x’jaqsam maghhom, u li l-post mhux tieghu biss izda ta’ erba’ ahwa. Mix-xiehda ta’ Michael Grech jirrizulta li l-barranin in kwistjoni ma kellhomx permess biex jahdmu Malta u l-anqas ma kien hemm applikazzjoni biex jinghatalhom permess.

Fir-rigward ta’ l-appellant Michael Stivala jirrizulta li dan ta appalt lil Gianluca Visicale. L-appellant Michael Stivala haseb li ma kienx hemm problema jekk iqabbad lilu peress li kien ilu jarah jahdem hawn Malta. Effettivament mix-xiehda ta’ Michael Grech irrizulta li anke Gianluca Visicale, kif ukoll siehbu Taher Said, ma kellhomx permess biex jahdmu Malta. M’hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi Michael Stivala hallas diversi akkonti lil Gianluca Visicale tax-xoghol li dan kien qieghed jaghmel. Barra minn hekk fl-ahhar tax-xiehda tieghu l-appellant Michael Stivala, wara sensiela ta’ mistoqsijiet rigward il-haddiema barranin, indika li kien jaghti Lm70 jew Lm80 akkont “fl-idejn”. Kieku Michael Stivala ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dawk il-haddiema barranin ma kienx ikollu ghalfejn ihallas dawn l-akkonti f’idejhom.

Stabbilit li fir-rigward ta’ l-appellant Michael Stivala dan kien ghamel ftehim ta’ appalt ma’ persuna ta’ nazzjonalita` barranija, Gianluca Visicale, li ma kellux il-permess opportun biex jahdem hawn Malta, u stabbilit li z-zewg appellanti kienu qed ihallsu haddiema barranin li wkoll ma kellhomx permess biex jahdmu Malta ghal xoghol li kienu qeghdin jaghmlu fl-istess sit, irid jigi ezaminat it-tieni aggravju ta’ l-appellanti.

L-appellanti jghidu li r-reat taht l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa delitt li jehtieg il-*mens rea* u din trid tippruvaha l-prosekuzzjoni. Hawn irid ikun hemm id-*dolus*. Il-*mens rea* ma tirrizultax mill-fatt li l-persuna barranija ma jkollhiex permess. Il-prosekuzzjoni kellha tipprova li Michael Stivala kien jaf (u mhux semplicement

seta' jobsor) li Visicale ma kellux permess u ma kienx persuna ezenti. Visicale kien jiehu diversi kuntratti ta' kisi u kien jitkellem u jifhem sew bil-Malti. Ghalhekk Michael Stivala kellu kull dritt jemmen li Visicale kien regolarment hawn Malta, u dan iwaqqa' l-*mens rea* mehtiega.

L-appellant Michael Stivala fix-xiehda tieghu ta numru ta' ragunijet ghaliex jghid li haseb li fir-rigward ta' Visicale kien hemm kollox regolari – sar kuntratt normali, rah bnadi ohra Malta, kien ilu Malta, ghandu karozza tieghu. Dak li ma jirrizultax mix-xiehda tieghu hu jekk ghall-inqas saqsiex lil Visicale jekk kellux permess jahdem Malta. La ma jirrizultax li saqsieh, ifisser li l-appellant <u>ma riedx</u> ikun jaf u dak li kien jinteressah biss kien li jsir ix-xoghol, irrispettivament minn jekk Visicale kellux permess jew le.

Dwar il-haddiema l-ohra barranin ftit hemm x'jinghad. Huwa car li dawn ma kinux jiffurmaw parti mill-*work-force* lokali u zgur ma gewx ingaggati bhala *self-employed* bhalma kien Visicale. Kien impjieg irregolari bl-iskop li min ikun qieghed ihallas jiffranka l-flus.

Dwar it-tielet aggravju riferibbilment ghall-Avviz Legali 110/1993, fil-kaz ta' Visicale dan l-Avviz Legali ma kienx japplika peress illi huwa kien *self-employed*. Pero` kien japplika fil-kaz tal-haddiema barranin l-ohra.

Ghaldaqstant m'hemm l-eba dubju li l-ewwel Qorti korrettement sabet htija ta' l-appellanti ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

Fl-ahharnett l-appellanti josservaw illi l-ahwa Stivala ghandhom id-dettalji dwar l-indirizz u l-karta ta' l-identita` maqlubin fit-tahrika u fis-sentenza.

Hawn l-appellanti ghandhom ragun. Is-sentenza tirriproduci kelma kelma l-partikolaritajiet ta' l-appellanti Michael Stivala u Martin Stivala kif jirrizultaw mill-akkuza. Ghal xi raguni dawn il-partikolaritajiet gew invertiti bhalma gew invertiti d-dati tat-twelid. Naturalment dan ma ghandu ebda effett fuq l-ezitu finali peress illi z-zewg appellanti ssottomettew ruhhom ghall-proceduri kollha, kienu

identifikabbli u identifikati wiehed mill-iehor u l-punt jidher li tqajjem minnhom ghall-fini ta’ korrettezza. Effettivament, u wara li din il-Qorti rat ic-certifikati tat-twelid taghhom u atti ohra tal-kawza, jirrizulta li l-partikolaritajiet taghhom huma dawn li gejjin:

“Martin Stivala, iben Carmelo u Maria nee’ Debono, imwieled Attard fit-13 ta’ Novembru 1971 u joqghod “Sunrise Court”, Flat 6, Triq il-Hriereb, Msida u detentur ta’ karta ta’ identita` numru 35672(M)”

u

“Michael Stivala, iben Carmelo u Maria nee’ Debono, imwieled Attard fit-30 ta’ Jannar 1974 u joqghod “Family Nest”, Tower Street, Msida u detentur ta’ karta ta’ identita` numru 499374(M)”.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha b’dan illi tordna l-korrezzjoni tal-partikolaritajiet ta’ l-appellanti Martin Stivala u Michael Stivala fis-sens appena indikat. Il-multa ta’ Lm1500 pagabbli minn kull wiehed mill-appellanti hi ekwivalenti ghal €3,494.06 kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------